MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1382/2002

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta’ Dicembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta’ Settembru 1991 hekk kif jindika d-dokument hawn anness u mmarkat Dok. “SM1”;

Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba mohqirja, sevizzi gravi, ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u partikolarment minhabba l-fatt illi l-konvenut ikkommetta

adulterju fil-konfront tal-attrici, kif ukoll minhabba nkompatibbilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal bl-isem ta' **"C"** u **"D"** ta' sitt snin u sena u disa' xhur rispettivament;

Illi l-konvenut gja' hareg mid-dar matrimonjali u mar joqghod band' ohra;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili bin-Numru 1873/02 kopja ta' liema Digriet qieghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "SM2", biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Illi, l-istess attrici tablet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja assoluta tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija lill-attrici;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet *applikando* kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina *okkorrendo* ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u *okkorrendo* ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss l-oggetti kollha nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigu likwidat *okkorrendo* permezz ta' perit nominand;

6. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali u cioe` mill-fond bl-isem ta' 30 'Osprey' Triq Karmenu Vassallo, Iklin;

7. Tordna illi d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata bhala r-residenza personali ta' l-attrici li fiha jabitaw ukoll iz-zewg uliedha u dana fl-ahjar interess tal-gustizzja u fl-interess suprem tal-istess minuri;

8. Tapplika l-**artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn ma' l-attrici u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha ta' l-imsemmi artikolu fil-konfront ta' l-istess konvenut;

9. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni *stante* illi l-attrici m'ghandha tbati l-ebda forma ta' spejjez *stante* illi l-firda ma kinitx it-tort taghha izda tort unikament tal-konvenut;

Bl-ispejjez u l-konvenut minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale datat 30 ta' Ottubru 2002 fejn ta l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-attrici bi dritt ta' access *verso* l-konvenut kull nhar ta' Erbgha mill-4.30.p.m. sas-6.30.p.m. u kull nhar ta' Hadd mis-1.00.p.m. sas-6.00.p.m. Fix-xhur tas-sajf l-access ta' nhar ta' Erbgha jkun mill-10.00 a.m sal-5.00.p.m. Tali access ma ghandhux issir fil-presenza ta' nisa mhux tal-familja. Ir-ragel gie ordnat ihallas bhala manteniment *pendente lite* l-ammont ta' Lm100 u ghall-minuri s-somma ta' Lm130 kull xahar bil-quddiem fir-residenza tar-rikorrenti b'effett mit-30 ta' Ottubru 2002 u laqghet il-hames talba fejn l-istess attrici u wliedha gew moghtija d-dritt ta' abitazzjoni fil-fond konjugali 30, Osprey, Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin u dan ad esklussjoni ta' l-intimat kollox inforza ta' Digriet Numru

1873/2002 esebit bhala Dok. “SM 2” a fol. 6 sa 10 tal-process u wkoll bhala Dok. “A” a fol. 24 sa 28 tal-process.

Rat id-digriet ghall-produzzjoni tax-xhieda bil-procedura ta’ l-affidavits moghti mill-Qorti fis-6 ta’ Jannar 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista’ permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 28 ta’ Jannar 2003 a fol. 18 u 19 tal-process fejn eccipixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel ma’ l-ewwel talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja ta’ separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan peress illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-attrici, u cioe` minhabba ingurja, sevizji u minacci gravi da parti ta’ l-attrici illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;

2. Illi l-eccipjenti jaqbel mat-tieni talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni illi kura u kustodja tat-tfal minuri tal-partijiet ghandha tigi akkordata lill-attrici *stante* illi l-eccipjenti ghandu jkollu dritt ta’ access ampju ghall-istess tfal minuri;

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, *stante* illi l-attrici ghadha zghira u hija ferm kapaci illi tahdem u taqla’ l-ghajxien taghha, u ghaldaqstant ma hemmx lok ghall-hlas ta’ manteniment ghaliha, skond il-Ligi;

4. Illi l-eccipjenti jaqbel mar-raba’ talba attrici limitatment ghal dikjarazzjoni u pronunzja tax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici peress illi, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-ecccipjenti ma ghandu l-ebda

oggetti parafernali ta' l-attrici fil-pussess tieghu u ghalhekk qatt ma jista' jigi kkundannat illi jkkonsenja kwalunkwe oggett parafernali lill-attrici, anzi hija l-attrici illi ghandha fil-pussess taghha oggetti paraferanali appartenenti lill-eccipjenti;

6. Illi s-sitt talba attrici ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici *stante* illi l-eccipjenti kien tkecca, mill-attrici stess, minghajr ebda raguni valida, mid-dar matrimonjali u ghalhekk ma hemm ebda raguni valida li tiggustifika l-izgumbrament tieghu mill-istess dar;

7. Illi konsegwentement, is-seba' talba hija wkoll opposta *stante* illi l-attrici ma ghandha ebda jhedd, skond il-Ligi, illi tigi hija stess assenjata d-dar konjugali, in kwantu l-eccipjenti ghandu jhedd ugwali ghall-assenjazzjoni ta' l-istess dar, formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

8. Illi fl-ahhar lok, it-tmien talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici *stante* illi, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-estremi tar-rekwiziti legali ghall-kommina tal-provvedimenti msemmija, ma jirrikorrux da parti ta' l-eccipjenti, izda biss da parti ta' l-attrici u kwindi, l-istess provvedimenti ghandhom jigu komminati interament kontra l-attrci b' dan illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi assenjata kompletament favor l-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 19 u fol. 20 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut rikonvenzzjonant**, datata 28 ta' Jannar 2003, a fol. 21 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-partijiet ikkuntrattaw zwieg bejniethom fis-7 ta' Settembru 1991, mill-liema zwieg twieldu zewgt (2) itfal, **"C"** u **"D"**, it-tnejn minuri;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irremedjabilment minhabba ingurji, sevizji u minacci gravi da parti ta' l-

istess attrici rikonvenuta versu l-konvenut rikonvenjenti, u ragunijiet ohra rikonnoxxuti mill-Ligi, illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;

Illi l-konvenut rikonvenjenti tkecca mid-dar matrimonjali mill-attrici rikonvenuta minghajr ebda raguni valida, u gie kostrett imur jabita' flimkien mal-genituri tieghu;

Illi t-tfal minuri tal-partijiet baqghu jabitaw flimkien ma' l-attrici rikonvenuta gewwa d-dar matrimonjali, bi dritt ta' access favur il-konvenut rikonvenjenti;

Illi permezz ta' Digriet moghti fit-30 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili, li kopja tieghu tinstab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. "A", il-partijiet gew awtorizzati sabiex jibdew il-proceduri ghas-separazzjoni personali bejniethom;

Illi l-istess konvenuta rikonvinzjonata talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro,* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi imputabbli lill-attrici rikonvenuta, u rikonoxxuti mill-Ligi;

2. Takkorda dritt ta' access ghat-tfal minuri tal-partijiet, **"C"** u **"D"**, lill-konvenut rikonvenjenti, b' dawk il-modalitajiet u taht dawk id-dispozizzjonijiet illi dina l-Qorti jidhrilha xierqa;

3. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, *occorendo* bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici rikonvenuta ddekadiet minn sehemha fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u tapplika l-effetti ta' l-**artikolu 48 *et sequitur* tal-Kodici Civili** kontra l-istess attrici rikonvenuta, u favor il-konvenut rikonvenjenti, b' dan illi l-assi kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu assenjati lill-konvenut rikonvenjenti;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrparezentaw l-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 22 u fol. 23 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici ghal-kontro-talba tal-konvenut, datata 17 ta' Frar 2003 a fol. 30 tal-process fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti ma topponix ghas-separazzjoni personali izda dana ghal ragunijiet imputabbli lill-attur hekk kif gja' indikat fic-citazzjoni ippresentata minnha;

2. Illi rigward ta' l-access, l-eccipjenti ma topponix illi l-konvenut-rikonvenzjonant ikollu access adegwat ghal uliedu;

3. Illi, a rigward tat-tielet talba *et sequitur*, l-eccipjenti lanqas ma qieghda topponi ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f' zewg porzjonijiet, izda sakemm fl-ewwel lok il-konvenut-rikonvenzjonant bhala hati tal-firda matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu minn din il-Qorti disposizzjonijiet ta' l-artikoli relattivi tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta *inter alia,* l-**artikolu 48 tal-istess Kapitolu** u fit-tieni lok din il-Qorti tornda l-izgombrament tal-konvenut-rikonvenzjonant mid-dar matrimonjali u tassenja l-istess lill-eccipjenti bhala r-residenza personali taghha li fiha jabitaw ukoll iz-zewg uliedha;

4. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi fil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 31 tal-process.

Rat il-verbal datat 12 ta' Marzu 2003 fejn id-difensuri ddikjaraw li l-kontestazzjoni principali hija dwar id-dar matrimonjali, u dwar il- *"quantum"* ta' manteniment tal-attrici. Inghata digriet nota guramentata tal-partijiet. Il-Qorti estendiet t-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici b'terminu ta' hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota guramentata ta' l-attrici datata 17 ta' Marzu 2003, a fol. 35 u fol. 36 tal-process.

Rat in-nota guramentata ta' l-konvenut datata 7 ta' April 2003, a fol. 38 u fol. 39 tal-process.

Rat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale datat 21 ta' Novembru 2002 a fol. 45 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici **"A"** datata 9 ta' Mejju 2003, a fol. 47, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta' ommha **"E"** u tar-ragel ta' ohtha **"F"**.

Rat in-nota tal-konvenut **"B"** datata 24 ta' Gunju 2003, a fol. 79, li permezz taghha prezentata l-affidavit tieghu u ta' ommu **"G".**

Rat il-verbal datat 13 ta' Mejju 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) jum. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr Paul Farrugia prezenti w ordnatlu li jzomm erba' seduti ghall-provi kollha tal-partijiet sa l-ahhar t'Ottubru 2003, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew minn dakinhar dikjarati maghluqa.

Rat ir-rikors (1) tal-konvenut datat 26 ta' Gunju 2003, a fol. 99, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex tittratta r-rikors b' urgenza u sabiex tappunta Child Psycologist, Social Worker jew espert iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq, sabiex jezamina lill-minuri u jikkonstata c-cirkostanzi kollha relattivi ghall-istat psikologiku ta' l-istess minuri, sabiex jittiehdu l-provvedimenti kollha opportuni skond il-kaz, fl-ahjar interess tal-minuri.

Rat id-Digriet datat 27 ta’ Gunju 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut biex qabel xejn josserva d-digriet tal-affidavit datat 13 ta’ Mejju 2003.

Rat in-nota tal-konvenut datata 16 ta’ Settembru 2003, fol. 107.

Rat id-Digriet datat 18 ta’ Settembru 2003, a fol. 108, fejn osservat li l-affidavits gew gia prezentati fl-24 ta’ Gunju 2003 u jidher mill-process li nzammet seduta wahda minn dawk ordnati mill-Qorti fit-13 ta’ Mejju 2003 u b’hekk id-digriet tat-13 ta’ Mejju 2003 sa llum ghadu mhux osservat u l-Qorti kkonfermat l-istess digriet, b’dan li wara t-30 ta’ Ottubru 2003 l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-Qorti ordnat lill-konvenut biex jinnotifika dan id-digriet lill-kontroparti. Ordnat ukoll in-notifika tan-nota lill-kontroparti b’jumejn zmien ghar-risposta. Tordna fl-ahhar nett lill-konvenut sabiex jipprezenta nota guramentata b’mod skjet u preciz dwar il-pretensjonijiet tieghu bin-notifika lill-kontroparti li ghandha tipprezenta nota guramentata risponsiva skond l-anness digriet.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata 15 ta’ Ottubru 2003, a fol. 111.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 27 ta’ Ottubru 2003, a fol. 113.

Rat id-Digriet datat 28 ta’ Ottubru 2003, a fol. 120, fejn il-Qorti laqghet it-talba b’dan li a spejjez tal-konvenut innominat lil Dr Joseph Cassar sabiex jezamina lill-minuri **“C”** u lill-partijiet fil-kuntest tal-allegazjonijiet tal-konvenut li l-minuri ma tkunx trid tmur ghall-access ma’ missierha, liema rapport kellu jitlesta fi zmien 30 gurnata. Ordnat in-notifika immedjata lil Dr Joseph Cassar mill-konvenut.

Rat r-rapport ta’ Bernard Caruana, *Senior Clinical Psychologist* datat 19 ta’ Ottubru 2003 a fol. 114 sa fol. 119 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia fl-20 ta' Ottubru 2003 u fis-27 ta' Ottubru 2003 fejn xehdu l-attrici **"A"** u **"H"** in kontro-ezami.

Rat in-nota tal-konvenut datata 31 ta' Ottubru 2003, a fol. 133 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 31 ta' Ottubru 2003, a fol. 139 tal-process.

Rat in-nota tal-Perit Psikjatara Dr. Joseph Cassar datata 7 ta' Novembru 2003, a fol. 152.

Rat id-Digriet datat 18 ta' Novembru 2003, a fol. 153, fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta' Novembru 2003, a fol. 155, talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tawtorizza l-produzzjoni tal-imsemmi *"video-tape"* bhala prova ta' l-attrici u tawtorizza l-ammissjoni bhala xhud lil **"I"** u dana limitatament ghall-konferma tal-filmati mehudin minnu u li qieghdin f' tali *"video-tape"*.

Rat id-digriet datat 13 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b' jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat id-Digriet datat 15 ta' Jannar 2004, laqghet it-talbiet kif dedotti b'dan li kopja tal-*video tape* ghandha tigi pprezentata fi zmien ghaxart ijiem mill-lum b'kopja lill-kontroparti.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 11 ta' Dicembru 2003, a fol. 166, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tilqa' t-talba tieghu u tawtorizzah illi jkollu access estiz ghall-minuri nhar il-25 ta' Dicembru 2003 mis-1.30p.m. sas-6.30p.m., u nhar l-1 ta' Jannar 2004 mis-1.30p.m. sas-6.30p.m., minflok l-access solitu tieghu nhar ta' Erbgha 24 ta' Dicembru 2003 u nhar ta' Erbgha 31 ta' Dicembru 2003 mill-4.30p.m. sas-6.30p.m.

Rat id-digriet datat 16 ta' Dicembru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b'jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 29 ta' Dicembru 2003 a fol. 169 tal-process.

Rat id-Digriet datat 31 ta' Dicembru 2003 moghti mill-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri, fejn din il-Qorti hekk presjeduta laqghet it-talba limitatament ghad-data ta' Jannar 2004 bejn 1.30.p.m u 6.30.p.m.

Rat il-verbal datat 21 ta' Jannar 2004 fejn Dr Rachel Loporto Montebello ghall-konvenut infurmat lill-Qorti li l-Perit Psikjatriku gie mhallas. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju zzomm l-ahhar zewg seduti ghall-provi kollha li fadal sal-ahhar ta' Marzu 2004 u wara tali seduti l-Qorti tiddikjara l-provi tal-partijiet maghluqa.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru 2003 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li f'seduta wahda il-provi kellhom jinghalqu.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 26 ta' Marzu 2004, a fol. 177, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex tinnomina Perit Tekniku a spejjez attrici, sabiex jaccedi gewwa l-fond Osprey, Triq Carmelo Vassallo, Iklin u jaghmel stima tal-valur ta' l-istess fond.

Rat id-digriet datat 30 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b' jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 6 ta' Mejju 2004 a fol. 181 tal-process.

Rat id-Digriet datat 7 ta' Mejju 2004 fejn il-Qorti konfermat id-Digriet datat 22 ta' April 2004.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 13 ta' April 2004 a fol. 183 tal-process.

Rat il-verbal datat 22 ta’ April 2004 fejn deher l-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar li halef ir-rapport. Xehed l-Espert Psikjatriku Dr Joseph Cassar in eskussjoni. Il-Qorti ghar-rigward tal-minuri ordnat lill-partijiet biex jattendu korsijiet ghall-*parental skills u family therapy* ma' l-Agenzija Appogg. Id-difensuri qablu li fis-seduta li kellhom quddiem l-Assistent Gudizzjarju kellhom jaghlqu l-provi. Dr. Rachel Loporto Montebello talbet in-nomina ta' Perit Tekniku biex jaghmel stima tad-dar matrimonjali. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Perit Valerio Schembri biex jistma l-istess dar a spejjez provizorjament tal-konvenut.

Rat ir-rapport tal-Perit Psikjatriku Dr. Joseph Cassar minn fol. 188 sa fol. 202.

Rat ix-xhieda tal-Perit Psikjatriku Dr. Joseph Cassar minn fol. 203 sa fol. 211.

Rat in-nota tal-konvenut datata 29 ta’ April 2004, a fol. 212 tal-process.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Gunju 2004 fejn Dr. Ramona Frendo ghall-konvenut informat lill-Qorti li l-provi huma maghluqa. Il-Perit Tekniku li nforma lill-Qorti li pprezenta r-rapport. Il-Qorti nnotat li t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-eskussjoni kinitx fil-process u ordnat li dan isehh minnufih. Dr Ramona Frendo nfurmat lill-Qorti li ma kienx possibbli li ssir il-Family Therapy fil-prezenza taz-zewg partijiet u kienet qed issir b'mod separat. Il-Qorti ordnat lill-Agenzija Appogg sabiex fi zmien sittin (60) jum jinfurmaw lill-Qorti, b'nota dwar il-korsijiet li l-partijiet gew ordnati jattendu bid-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' April 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 7 ta’ Lulju 2004, a fol. 216, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha tordna illi l-acces ta’ esponenti ghall-minuri **“C”**, jigi ezercitat provvizzorjament u b’ mod temporanju, taht supervizjoni u b’ dawk il-modalitajiet u taht dawk il-provveimenti, illi dina l-Qorti jidhrulha xierqa w opportuni fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet datat 8 ta’ Lulju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ jumejn (2) zmien ghar-risposta. Ordat ukoll lir-rikorrent biex b’ nota fi zmien jumejn jindika lill-Qorti xi provi kien baqa’ jsiru f’ din il-kawza minnu.

Rat in-nota tal-konvenut datata 27 ta’ Lulju 2004, a fol. 217b tal-process.

Rat ir -rikors tal-attrici datat 27 ta’ Awissu 2004, a fol. 217d, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tawtorizzah tipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet taghha u tiffassa termini ghal dan il-ghan u dana taht dwak il-provvedimenti li hi jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-Digriet datat 31 ta’ Awissu 2004 fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Philip Sciberras laqghet it-talba u kkoncediet lir-rikorrenti tlett gimghat zmien ghan-nota li kellha ssir bil-visto tal-kontroparti li kellu tlett gimghat zmien ghan-nota risponsiva.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta’ Settembru 2004, a fol. 219, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha tordna li l-ispejjez kemm edukattivi kif ukoll dawk medici jigu mhallsa fi kwoti ugwali mill-partijiet u dana taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni.
Rat id-digriet datat 9 ta’ Settembru 2004 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 6 ta’ Ottubru 2004, minn fol. 222 sa fol. 226 tal-process.

Rat id-digriet datat 12 ta’ Ottubru 2004 moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph R. Micallef fejn gie decretat li billi mit-twegiba u d-dokumenti mehmuza maghha ma jidhirx li kien hemm raguni tajba biex il-Qorti tbiddel jew ticcara d-digriet tal-Onorabbli Sekond’Awla (kif kienet tissejjah dak iz-zmien) l-istess l-Qorti f’dawk ic-cirkostanzi cahdet it-talba.

Rat in-nota tal-Avukat Emmanuel Mallia, datata 16 ta' Settembru 2004, a fol. 228, li permezz taghha assuma l-patrocinju tal-konvenut.

Rat in-nota tal-Avukat Alex Perici Calascione, datata 23 ta' Settembru 2004, a fol. 229, li permezz taghha assuma l-patrocinju tal-konvenut minnflok Dr. Ramona Frendo.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici datata 24 ta' Settembru 2004 minn fol. 230 sa fol. 240.

Rat in-nota ta' l-Avukati Dr. Rachel Loporto Montebello u Dr. Ramona Frendo, datata 28 ta' Settembru 2004, a fol. 242, li permezz taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut, in kwantu wkoll konvenut rinkonvenjenti.

Rat il-verbal datat 3 ta' Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat in-nota tas-Social Worker Therese Micallef, datata 9 ta' Dicembru 2004, a fol. 244.

Rat ir-rikors ta' Salvina Frendo Cumbo, *family therapist*, fi hdan l-Agenzija Appogg, datat 8 ta' Frar 2005, a fol. 246, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tidderigiha dwar jekk fic-cirkostanzi hija ghandhiex tipprocedi bil-kors ta' *family therapy* u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidrilha xierqa w opportuni u dan peress li gie sottomess li l-imsemmija minuri **"C"** ma riditx tara lill-missierha u l-istess terapija maghha ma kinitx qed tghin lill-minuri.

Rat id-digriet datat 9 ta' Frar 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b' jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 6 ta' Gunju 2005 a fol. 251 u fol. 252 tal-process.

Rat ir-risposta ta' l-attrici datata 11 ta' April 2005 a fol. 253.

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti kif presjeduta datat 17 ta’ Gunju 2005, fejn f’dak l-istadju din il-Qorti ssuggeriet lill-Agenzija Appogg sabiex fl-interess suprem tal-minuri taghti t-terapija necessarja li l-minuri ghandha bzonn f’cirkostanzi simili, u dan permezz ta’ persuni professjonali w esperti fl-istess materja li din il-Qorti tifhem li l-Agenzija Appogg ghandha fi hdanha, b’mod li l-istess minuri tigi meghjuna f’dak kollu li ghandha bzonn sabiex kemm jista’ jkun jigi normalizzat il-kuntatt mal-genituri taghha, bla ebda pressjoni fuq il-minuri b’dan pero` li din il-Qorti u l-genituri u l-minuri jkunu nfurmati b’dan. Il-Qorti permezz ta’ nota fi zmien ghaxart ijiem, u li dan kollu jsir a spejjez taz-zewg partijiet, u l-genituri ghandhom dejjem jaraw li jikkoperaw ma’ l-Agenzija Appogg fl-interess tal-istess minuri. Din il-Qorti rriservat li tkellem lill-minuri jekk thoss li hu l-kaz u l-Agenzija Appogg ghandha wkoll tikkomunika mal-minuri sabiex tara jekk l-istess minuri tridx jew tixhadx li ghal xi raguni tesprimi ruhha mal-Qorti, b’dan li l-Agenzija Appogg ghandha wkoll tinforma lill-Qorti a spejjez taz-zewg partijiet.

Rat in-nota ta’ Salvina Frendo Cumbo, *family therapist*, fi hdan l-Agenzija Appogg, datata 12 ta’ Lulju 2005, a fol. 257 fejn il-Qorti gie informata li l-minuri kienet qed tigi segwieta minn Mirielle Zammit fi hdan is-*Psychological Services* ta’ l-Agenzija Appogg.

Rat id-Digriet datat 14 ta’ Lulju 2005 fejn il-Qorti laqghet it-talba fir-rikors tal-Agenzija Appogg ta’ Salvina Frendo Cumbo datat 8 ta’ Frar 2005 b’dan li din il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-minuri **“C”** li tkompli tinghata t-terapija u l-ghajnuna li hemm bzonn skond persuni esperti fil-materja, inkluz kif inghad bin-nota tat-12 ta’ Lulju 2005 li tali minuri tigi segwita minn Mireille Zammit fi hdan il-*Psychological Services* ta’ l-istess Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet.

Rat il-verbal datat 5 ta’ April 2005 fejn il-Qorti rat ir-rikors datat 7 ta' Lulju 2004 u f'dak l-istadju cahdet it-talba. Dr D'Agostino talab li jipprezenta nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet

bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondi. Il-Qorti nnotat li r-rapport tal-Perit Tekniku kien ghadu mhux mahluf. Il-Qorti awtorizzat lill-Perit Tekniku jahlef ir-rapport fir-Registru u jinforma lid-difensuri b'dan.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 11 ta’ April 2005, a fol. 263, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha illi filwaqt li thalli d-differiment li jmiss titfa’ din il-kawza ghas-sentenza finali u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 12 ta’ April 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 30 ta’ Mejju 2005 a fol. 268 u fol. 269.

Rat id-Digriet datat 31 ta’ Mejju 2005, fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri li gie mahluf fir-registru fil-25 ta’ April 2005, minn fol. 272 sa fol. 281 u fejn l-istess perit tekniku ta stima tal-fond bl-isem “Osprey”, 30, Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin, fl-ammont ta’ sittin elf lira Maltija (Lm60,000).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut datata 20 ta’ Gunju 2005, minn fol. 282 sa fol. 289 tal-process.

Rat il-verbal datat 13 ta’ Ottubru 2005, fejn deher Dr. Edward Zammit Lewis ghall-attrici; Dr **“C”** Micallef gie msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett'ostakolo* ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-partijiet zzewgu fis-7 ta’ Settembru 1991 u kellhom zewgt itfal **“C”** u **“D”** u din hija ta’ separazzjoni fejn kull parti qed isostni u tallega li l-parti l-ohra hija responsabbli tal-firda personali.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha dovuti din il-Qorti thoss li l-versjoni ta’ l-attrici hija hafna iktar verosomili, u in effetti giet ppruvata fil-grad rikjest mill-ligi, tant li din il-Qorti thoss li mill-kumpless tal-provi l-istess allegazzjonijiet attrici dwar l-agir tal-konvenut gew ukoll ikkoroborati u sostanzjati mill-provi, l-ohra, inkluzi xhieda u dokumenti prodotti.

Illi fil-fatt ma’ hemm l-ebda dubju ghajnejn din il-Qorti li mill-atti processwali quddiemha jirrizulta li kien il-konvenut li kien hati *verso* l-attrici ta’ mohqrija, sevizzi gravi, ingurji, theddid u adulterju, li wasal sabiex huwa stess abbanduna l-familja tieghu u fil-fatt jidher li huwa telaq id-dar konjugali fit-18 ta’ Awissu 2002 u dan kif jidher ippruvat u kkonfermat mill-affidavit ta’ l-attrici nkluz ix-xhieda taghha fl-istess a fol. 55 tal-process.

Ill din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-istess konvenut kellu relazzjoni ma’ certu mara li jisimha **“J”** u minn meta beda din ir-relazzjoni  beda l-konflitti tieghu ma’ l-attrici tant li f’dan il-perjodu qabel ma’ telaq mid-dar konjugali huwa kien hati *verso* l-attrici ta’ mohqrija, theddid, sevizzi gravi tant li anke kien vjolenti, u wkoll kien spicca li ghal kull haga ta' xejn kien jinfexx jghajjar lill-attrici u dan kollu minhabba l-pressjoni li huwa gab fuq innifsu minhabba din r-relazzjoni ma’ mara ohra, li huwa jirreferi ghaliha bhala “hbiberija”.  Jidher pero` li din ir-relazzjoni kienet il-kawza li waslet ghall-kolloss totali ta’ dan iz-zwieg, tant li l-konvenut stess hass li ma setghax jibqa’ jghix ma’ martu u ma’ uliedu u qabad u litteralment telaq mid-dar konjugali, ghalkemm qabel ma’  telaq huwa qal lill-attrici li ma kienx ghadu jhobbha. Ix-xhieda ta’ l-attrici f’dan il-kuntest a fol. 55 tal-process hija elokwenti hafna dwar dan ghaliex jghati stampa cara u hajja ta’ mara li fir-rakkont taghha jidher li sincerament ippruvat issalva z-zwieg u tifhem ghaliex zewgha kien qed jghidlilha hekk, izda xejn ma’ jidher li hadem fuq il-konvenut ghaliex kien deciz li jitlaq

mid-dar, haga li fil-fatt ghamel u jidher li bl-ebda mod ma' nidem minnha.

Illi fil-fatt ix-xhieda ta' l-attrici u partikolarment dwar il-mod kif l-istess konvenut kien telaq mid-dar konjugali hija kkoroborata mix-xhieda ta' omm l-attrici **"E"** fl-affidavit taghha datat 8 ta' Mejju 2003 u minn din ix-xhieda jidher car li l-istess konvenut b'mod mahsub u premeditat abbanduna d-dar konjugali. Ix-xhieda ta' **"F"**, li jigi r-ragel ta' oht il-mara ta' l-attrici, moghtija b'affidavit datat 8 ta' Mejju 2003, tikkonferma li l-konvenut bl-ebda mod ma' ried lanqas biss jirritorna d-dar konjugali, u dan minkejja l-fatt li halla lil uliedu warajh, fosthom it-tifel li lanqas kellu sentejn.

Ill f'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghall-affidavit tal-konvenut datat 14 ta' Gunju 2003 u jidher li l-istess konvenut jattakka lil martu ghaliex jghid li hija kienet thobb it-tindif tad-dar u ma kinitx thobb tohrog ma' hbieb pero` certament din il-Qorti ma' thoss li minhabba f'hekk is-sitwazzoni kellha tiskala b'dan il-mod, u zgur li dan ma kellux iwwassal la sabiex il-konvenut jitlaq mid-dar konjugali u lanqas sabiex l-istess ikollu relazzjoni ma' mara ohra, haga li certament kellu, u dan jirrizulta anke mix-xhieda attrici u wkoll mill-'*video tape'* esebiet.

Ill l-konvenut jakkuza lill-attrici li kienet tiggieled mal-girien u wkoll li l-istess attrici kienet halja, pero` prova dwar dan certament ma ingabitx u x-xhieda tal-konvenut f'dan l-aspett certament ma hijiex kredibbli u verosimili u certament li ma kellhiex lanqas twassal sabiex l-istess konvenut ihalli lil uliedu u jmur jghix band'ohra.

Illi fil-fatt fil-kuntest ta' dan kollu l-allegazzjoni tal-konvenut li *"z-zwieg taghna spicca mhux minhabba illi jien kont interessat f'mara ohra, imma minhabba illi r-relazzjoni kienet saret insopportabbli"* hija biss skuza komoda ghall-konvenut sabiex minghalih jiggustifika dak li ghamel. Il-hajja hija proprju maghmula wkoll minn tali battuti – pero` zgur li l-hajja mizzewga u l-firda ma jistghux jigu gustifikati b'dan il-mod legger. Il-firda personali u t-tkisser taz-zwieg hija haga serja hafna u dan dejjem u f'kull kaz anke jekk

issir sfortuntament komuni fil-hajja taghna hija dejjem tragedija umana li tinvolvi dejjem lill-koppja u spiss lil ulied ta' l-istess u min jaghti lok ghal tali firda ghandu jbati l-konsegwenzi skond il-ligi, ghalkemm sa certu punt il-ligi ma' tista' taghmel xejn ghal effett li spiss l-agir irresponsabbli jista' jhalli, u hafna drabi jhalli kemm fuq il-parti l-ohra u kemm fuq ulied.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti ghandha tara li min ikun ikkawza din il-hsara ghandu jkun indikat u ovvjament ghandu jigi ndikat bhala responsabbli u ghandhom japplikaw kontra tieghu jew taghha d-disposizzjoni tal-ligi. Sa hawn huwa dover tal-Qorti li dan taghmlu u hekk qed taghmel – anke ghaliex is-separazzjoni u l-firda personali tibqa' weggha kbira fis-socjeta' taghna u tebgha fil-hajja ta' dak li jkun li mhux facilment tista' tinghalaq, tintesa' jew tigi b'xi mod injorata. F'dan il-kuntest l-istess Qorti, hija msejha mil-ligi sabiex tipprotegi l-vittma ta' tali firda, u dan japplika kemm ghal parti leza u ghalhekk ghal parti l-ohra li ssubiet l-atti tal-parti abbusiva, izda dejjem lill-minuri ta' l-istess koppja, konxja pero` tal-fatt li l-istess parti li hija anke responsabbli ghal tali firda, hija wkoll genitur, u ghalhekk ghandha xorta r-rwol ta' genitur xi tkopri.

Illi f'dan il-kuntest ghalhekk kull decizjoni ta' separazzjoni ma hijiex mezz ta' dak li xi hadd sejjah jew ittenta jispjega bhala *"to get one's own back".* Xejn minn dan, anzi din il-Qorti hija konxja ta' din ir-realta' umana, tad-diffikoltajiet kollha li johorgu minn kawza ta' separazzjoni, u filwaqt li ghanda d-dover li tindika min ikun responsabbli ghal istess firda, u tapplika fil-konfront tieghu d-disposizzjoni tal-ligi, dan ghandu jsir dejjem fl-optika tas-sens ta' l-umanita' u l-fragilita' ta' l-istess u fis-sentiment nobbli li hawn qed nittrattaw fuq bnedmin u l-applikazzjoni ta' regoli ghal istess bnedmin, b'dan li l-aspett uman, dejjem u f'kollox, u iktar u iktar fejn jidhlu l-minuri ghandu dejjem jinzamm quddiem il-gudikant, u in partikolari dak li jippresjedi fil-Qorti tal-Familja.

Illi ghalhekk taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li dak li wassal lill-partijiet ghal din is-separazzjoni kien biss l-agir tal-konvenut u partikolarment l-agir tieghu abbussiv ma'

terza persuna u f'dan il-kuntest l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa telaq mid-dar ghaliex kien kostrett jaghmel dan minhabba l-agir ta' omm l-attrici u ohtha, u wkoll ta' l-istess  attrici, ma huwiex qieghed jigi emnut u wisq inqas accettat mill-Qorti, specjalment *in vista'* tal-provi lampanti prodotti, anke dwar ir-relazzjoni tal-konvenut ma' terza persuna, anke *tramite* d-dokumenti esebiti, u wkoll *in vista* tal-fatt li ma huwiex versosimili u normali li minhabba tali natura ta' argument wiehed jitlaq mid-dar u jhalli lura warajh lil uliedu, fosthom iben ta' inqas minn sentejn. F'dan il-kuntest u fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti qed taghmilha cara li thoss li assulutament il-versjoni tal-konvenut ma hijiex kredibbli, anzi hija stess ingurja gravi fil-konfront ta' l-attrici, u b'hekk it-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi milqugha biss fil-kuntest li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall firda ta' din il-koppja; partijiet fil-kawza odjerna.

Illi dwar il-kura u kostodja tal-minuri, **"C"** (li twieldet fit-8 ta' Settembru 1996) u **"D"** (li twieled fl-24 ta' Dicembru 2000) certament din il-Qorti thoss li l-istess ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici bi dritt ta' access favur il-konvenut kif deciz fid-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghall-istess tifel u cjoe' kull nhar ta' Erbgha mill-4.30.p.m. sas-6.30.p.m. u kull nhar ta' Hadd bejn is-1.00.p.m. u s-6.00.p.m. b'dan li fiz-zmien tas-Sajf, l-access ghandu jkun mill-10.00a.m. sal-5.00.p.m.

Ill fil-kaz ta' **"C"**, din l-istess minuri ghandha jkollha access ghal missierha bl-istess mod, izda minhabba d-diffikultajiet li jidher li sehhew fil-kors ta' din il-kawza l-access ghandu jsir biss bil-kunsens ta' l-istess minuri. B'dan ghalhekk li din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex permezz ta' *social worker* taghti spejga ta' din is-sentenza lill-istess minuri, u l-istess minuri jigu ndikati d-drittijiet taghhom, inkluz dak li jkollhom access ghal missierhom, izda li bl-ebda mod dan l-access ma' ghandu jsir b'mod sforzat, *in vista'* wkoll ta' dak rakkomandat mill-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar fir-rapport tieghu datat 11 ta' Dicembru 2003.   B'dan ukoll li l-istess Agenzija Appogg ghandha tipprovdi, jekk ikun ghadu l-kaz, kemm programm ta' terapija ghal istess

minuri u l-genituri, a spejjez tal-partijiet, u jekk ikun il-kaz anke *supervised visits* mal-missier, b'mod li r-relazzjoni ta' l-istess tifla mal-missier tigi kemm jista' jkun normalizzata, b'dan ukoll li fl-ahharnett l-istess Agenzija ghandha tara li kull parti ma' ghandha bl-ebda mod tithalla titkellem jew tirreferi ghall-parti l-ohra b'xi mod negattiv. Fl-istess sens id-digrieti ta' din il-Qorti datati 17 ta' Gunju 2005 u 14 ta' Lulju 2005 ghandhom ukoll jigu ossrvati. L-Agenzija Appogg ghandha fl-interess tal-minuri tkompli ghalhekk timmonitorja s-sitwazzjoni u anke tindika kull terapija li jkun hemm bzonn titiehed mill-istess minuri, u partikolarment fil-kaz ta' **"C"**, u dan ghaliex il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-istess minuri li ma taqtax il-kuntatt ma' missierha, anke ghaliex il-minuri ghandhom bzonn il-kuntatt ma' kull genitur. Tali kura u kustodja u access ghandu jsir fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li mhux parti mill-familja tal-partijiet u l-istess minuri jingiebu u jittiehdu lura mir-residenza ta' l-attrici. Tordna lill-attrici sabiex tinnotifika koppja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg u lill-Kummisarju tat-Tfal. L-ispejjez kollha in konnessjoni mas-servizzi ta' l-Agenzija Appogg ghandhom jithallsu miz-zewg partijiet.

Ill dwar manteniment mill-konvenut ghall-attrici din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-konvenut ghandu jhallas manteniment *verso* l-attrici ta' mitt lira Maltija (Lm100) kull xahar u ghal istess minuri l-ammont ta' mija u tlettin lira Maltija (Lm130) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, u dan l-ammont ghandu jithallas billi l-istess ammonti jinqatghu mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata mill-attrici lill-*employer* tal-konvenut sabiex jaderixxi ruhu ma' l-istess. L-istess konvenut ghandu jkompli jhallas a spejjez tieghu l-assikurazzjoni ghas-sahha ta' l-istess minuri li huwa ghandu attwalment mal-BUPA fl-interess ta' l-istess minuri, filwaqt li l-attrici ghandha thallas ghas-servizzi kollha ta' l-istess minuri inkluzi dawk li huma jkollhom bzonn fir-residenza matrimonjali.

Ill ghal dawk li huma oggetti parafernali ta' l-attrici din il-Qorti tirreferi ghall-lista ndikata a fol. 58 tal-process u tiddikjara li l-oggetti hemm indikati bhala parafernali ta' l-attrici jikkonsistu fi bjankerija, *set Imco* u *kenwood chef*, ghamara tal-kcina kompluta b'kollox bl-*appliances,* konsistenti fi *fridge* u *freezer*, *gas hobb*, *electric oven*, *cooker hood*, kamra tas-sodda matrimonjali, *cupboard* tal-kamra tal-banju, suffett tal-kamra tal-banju, bieb ta' barra u l-kamra kompluta tas-salott.

Ill dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti jirrizulta li din tikkonsisti fil-fond 30, "Osprey", Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin, li jikkonisti fi *"first floor maisonette"* u li jinsab deskritt fir-rapport peritali tal-perit tekniku Valerio Schembri tal-21 ta' Gunju 2004 (mahluf fil-25 ta' April 2005) kollox a fol. 272 sa 279 tal-process, fejn l-istess perit tekniku vvaluta l-fond fl-ammont ta' sittin elf lira Maltija (Lm60,000).

Ill dwar dan il-fond, 30, "Osprey", Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin, anke wara li l-konvenut jirrizulta li telaq mid-dar konjugali u halla lill-attrici tghix flimkien ma' uliedha fid-dar matrimjonali, tant li d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 30 ta' Ottubru 2002 moghti minn dik il-Qorti kif dakinhar presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale pprovda li l-attrici kellha d-dritt flimkien maz-zewg uliedha **"C"** u **"D"**, li dakinhar kellhom sitt (6) snin u sena u disa' xhur rispettivament, li jghixu fl-istess dar konjugali *ad esklussjoni* tal-konvenut u hawn il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet imsemmi Numu 1873/2002 a fol. 6 sa 10 tal-process u esebiet bhala Dok. "SM2".

Illi din is-sitwazzjoni baqghet hekk *pendente lite* u din il-Qorti thoss li minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wkoll fl-interess supremm tal-minuri, u minhabba l-fatt li kien il-konvenut l-unika parti li kienet hatja sabiex twassal ghal din il-firda ta' din il-koppja, li l-istess attrici ghandha jkollha dritt esklussiv flimkien ma' uliedha sabiex tibqa' tghix fl-istess dar konjugali 30, "Osprey", Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin, flimkien ma' uliedha minuri u dan *ad esklussjoni* tal-konvenut, u dan ghal perjodu ta' tlettax-il (13) sena millum u f'dan id-dritt qed jigu nkluzi l-oggetti mobbli kollha

li hemm fl-istess dar u li huma formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif indikati fil-lista indikata mill-attrici a fol. 59 tal-proccess (bl-eskussjoni tal-karozza li din il-Qorti qed tipprovdi dwarha *ad hoc* f'din is-sentenza).

Illi wara tali perjodu ta' tlettax-il (13) sena l-istess dar konjugali flimkien ma' l-oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghandhom jinbieghu in subasta u r-rikavat ta' l-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-attrici ghandha zzomm u ghalhekk qed tigi assenjata il-vettura tal-marka Ford Escort, filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat il-vettura tal-marka Land Rover, b'dan li l-istess Qorti tordna lill-partijiet sabiex jiffirmaw id-dokumenti relattivi sabiex issir it-trasferiment effettiv ta' l-istess vetturi kif hawn indikat anke ghall-fini ta' registrazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

Illi l-konvenut qed jigi assenjat ukoll l-opra tal-bahar li gja tinsab fil-pussess tieghu filwaqt li l-kont bankarju Fixed Account Numru 40011538440 indikat bhala Dok. "SM 8" a fol. 74 tal-process ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet anke sabiex l-istess attrici tigi kkompensata ghas-sehem taghha mill-opra tal-bahar li f'din is-sentenza giet assenjata lill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad il-hames talba attrici u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba attrici u tilqa' t-talbiet attrici** l-ohra biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut konsistenti f'mohqrija, sevizzi gravi, ingurji, theddid u adulterju, li waslu sabiex huwa stess abbanduna

l-familja u li kien kawza ta' l-istess li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irremedjabbilment;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja assoluta tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija lill-attrici, bi dritt ta' access favur il-konvenut kif deciz fid-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghal istess tifel u cjoe' kull nhar ta' Erbgha mill-4.30.p.m. sas-6.30.p.m. u kull nhar ta' Hadd bejn is-1.00.p.m. u s-6.00.p.m. b'dan li fiz-zmien tas-Sajf, l-access ghandu jkun mill-10.00a.m. sal-5.00.p.m.

Illi fil-kaz ta' **"C"**, din l-istess minuri ghandha jkollha access ghal missierha bl-istess mod, izda minhabba d-diffikultajiet li jidher li sehhew fil-kors ta' din il-kawza l-access ghandu jsir biss bil-kunsens ta' l-istess minuri, b'dan ghalhekk li din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex permezz ta' *social worker* taghti spejgazzjoni ta' din is-sentenza lill-istess minuri, u l-istess minuri jigu ndikati d-drittijiet taghhom, inkluz dak li jkollhom access ghal missierhom, izda li bl-ebda mod dan l-access ma ghandu jsir b'mod sforzat, *in vista'* wkoll ta' dak rakkomandat mill-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar fir-rapport tieghu datat 11 ta' Dicembru 2003, b'dan ukoll li l-istess Agenzija Appogg ghandha tipprovdi jekk ikun ghadu l-kaz kemm programm ta' terapija ghal istess minuri u l-genituri, a spejjez tal-parijiet, u jekk ikun il-kaz anke *supervised visits* mal-missier, b'mod li r-relazzjoni ta' l-istess tifla mal-missier tigi kemm jista' jkun normalizzata, b'dan ukoll li fl-ahharnett l-istess Agenzija ghandha tara li kull parti ma ghandha bl-ebda mod tithalla titkellem jew tirreferi ghall-parti l-ohra b'xi mod negattiv. Fl-istess sens id-digrieti ta' din il-Qorti datati 17 ta' Gunju 2005 u 14 ta' Lulju 2005 ghandhom ukoll jigu osservati. L-Agenzija Appogg ghandha fl-interess tal-minuri tkompli ghalhekk timmonitorja s-sitwazzjoni u anke tindika kull terapija li jkun hemm bzonn titiehed mill-istess minuri, u partikolarment fil-kaz ta' **"C"**, u dan ghaliex il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-istess minuri li ma taqtax il-kuntatt ma' missierha, anke ghaliex il-minuri ghandhom bzonn il-kuntatt ma' kull genitur. Tali kura, kustodja u access ghandu jsir fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li mhux parti mill-familja tal-partijiet u l-istess minuri jingiebu

u jittiehdu lura mir-residenza ta' l-attrici. Tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg u lill-Kummisarju tat-Tfal. L-ispejjez kollha in konnessjoni mas-servizzi ta' l-Agenzija Appogg ghandhom jithallsu miz-zewg partijiet;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghall-attrici u ghat-tfal minuri taghha b'dan illi din il-Qorti tordna lill-konvenut jhallas manteniment *verso* l-attrici ta' mitt lira Maltija (Lm100) kull xahar u ghall-istess minuri l-ammont ta' mija u tlettin lira Maltija (Lm130) fix-xahar (nofs lil kull wild), pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, u dan l-ammont ghandu jithallas billi l-istess ammonti jinqatghu mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata mill-attrici lill-*employer* tal-konvenut sabiex jaderixxi ruhhu ma' l-istess. L-istess konvenut ghandu jkompli jhallas a spejjez tieghu l-assikurazzjoni ghas-sahha ta' l-istess minuri li huwa ghandu attwalment mal-BUPA fl-interess ta' l-istess minuri, filwaqt li l-attrici ghandha thallas ghas-servizzi kollha ta' l-istess minuri inkluzi dawk li huma jkollhom bzonn fir-residenza matrimonjali;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, b'effett mid-data tat-18 ta' Awissu 2002 u tillikwida l-istess komunjoni bil-mod kif indikat f'din is-sentenza u dan ghar-ragunijiet premessi u anke *arbitro boni viri* b'dan:-

Illi din il-Qorti tordna li l-istess attrici ghandha jkollha dritt esklussiv flimkien ma' uliedha sabiex tibqa' tghix fl-istess dar konjugali 30, "Osprey", Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin, flimkien ma' uliedha minuri u dan *ad esklussjoni* tal-konvenut ghal perjodu ta' tlettax-il (13) sena millum u f'dan id-dritt qed jigu nkluzi l-oggetti mobbli kollha li hemm fl-istess dar u li huma formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif indikati fil-lista indikata mill-attrici a fol. 59 tal-proccess (bl-esklussjoni tal-karozza li din il-Qorti qed tipprovdi dwarha *ad hoc* f'din is-sentenza).

Illi wara tali perjodu ta' tlettax-il (13) sena l-istess dar konjugali flimkien ma' l-oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghandhom jinbieghu *in subbasta* u r-rikavat ta' l-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-attrici ghandha zzomm u ghalhekk qed tigi assenjata il-vettura tal-marka Ford Escort, filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat il-vettura tal-marka Land Rover, b'dan li l-istess Qorti tordna lill-partijiet sabiex jiffirmaw id-dokumenti relattivi sabiex isir it-trasferiment effettiv ta' l-istess vetturi kif hawn indikat anke ghall-fini ta' registrazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

Illi l-konvenut qed jigi assenjat ukoll l-opra tal-bahar li gja tinsab fil-pussess tieghu filwaqt li l-kont bankarju Fixed Account Numru 40011538440 indikat bhala Dok. "SM 8" a fol. 74 tal-process ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet anke sabiex l-istess attrici tigi kkompensata ghas-sehem taghha mill-opra tal-bahar li f'din is-sentenza giet assenjata lill-konvenut;

5. Tichad il-hames talba *stante* li ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami anke *in vista* ta' dak gja provdut f'din is-sentenza;

6. Tastjenti milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghall-izgombrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali u cioe` mill-fond bl-isem ta' 30, 'Osprey', Triq Karmenu Vassallo, Iklin u dan peress li jirrizulta li l-istess konvenut ma ghadux jirresjedi fl-istess fond;

7. Tilqa' din it-talba biss fil-konfront ta' dak indikat konsgewenti ghar-raba' talba attrici u tordna illi d-dar matrimonjali ghandha tigi kkunsidratata bhala r-residenza ta' l-attrici li fiha jabitaw ukoll iz-zewg uliedha u dan ghall-perjodu ta' tlettax-il (13) sena bl-effett mid-data ta' din is-sentenza u dan bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 55 A** u fl-ahjar interess tal-gustizzja u fl-interess suprem tal-istess minuri;

8. Tapplika l-**artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn ma' l-attrici u qed jigu applikati l-effetti kollha ta' l-imsemmi artikolu fil-konfront ta' l-istess konvenut;

9. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni hlief ghall-ispejjez ta' l-Agenzija Appogg li ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut hlief ghall-ispejjez ta' l-Agenzija Appogg li ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad ir-raba' u l-hames talba tal-kontro-talba tal-konvenut, tilqa' talbiet l-ohra fl-istess kontro-talba** biss fis-sens hawn deciz u skond kif inghad fic-citazzjoni attrici b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro,* bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut konsistenti f'mohqrija, sevizzi gravi, ingurji, theddid u adulterju, li waslu sabiex huwa stess abbanduna l-familja u li kien kawza ta' l-istess li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irremedjabbilment;

2. Tilqa' t-tieni talba biss fis-sens ghad-dritt ta' access kif indikat favur il-konvenut abbazi ta' dak provdut konsgewenti ghat-tieni talba attrici u b' dawk il-modalitajiet u taht dawk id-dispozizzjonijiet illi din il-Qorti imponiet f'din is-sentenza;

3. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, b'effett mid-data tat-18 ta' Awissu 2002 u tillikwida l-istess komunjoni bil-mod kif indikat f'dan is-sentenza u dan ghar-ragunijiet premessi u anke *arbitro boni viri* b'dan:-

Illi din il-Qorti tordna li l-istess attrici ghandha jkollha dritt esklussiv flimkien ma' uliedha sabiex tibqa' tghix fl-istess dar konjugali 30, "Osprey", Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin, flimkien ma' uliedha minuri u dan *ad esklussjoni* tal-konvenut ghall-perjodu ta' tlettax-il (13) sena millum u f'dan id-dritt qed jigu nkluzi l-oggetti mobbli kollha li hemm fl-istess dar u li huma formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif indikati fil-lista indikata mill-attrici a fol. 59 tal-proccess (bl-esklussjoni tal-karozza li din il-Qorti qed tipprovdi dwarha *ad hoc* f'din is-sentenza).

Illi wara tali perjodu ta' tlettax-il (13) sena l-istess dar konjugali flimkien ma' l-oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghandhom jinbieghu *in subbasta* u r-rikavat ta' l-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-attrici ghandha zzomm u ghalhekk qed tigi assenjata l-vettura tal-marka Ford Escort, filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat il-vettura tal-marka Land Rover, b'dan li l-istess Qorti tordna lill-partijiet sabiex jiffirmaw id-dokumenti relattivi sabiex isir it-trasferiment effettiv ta' l-istess vetturi kif hawn indikat anke ghall-fini ta' registrazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

Illi l-konvenut qed jigi assenjat ukoll l-opra tal-bahar li gja tinsab fil-pussess tieghu filwaqt li l-kont bankarju Fixed Account Numru 40011538440 indikat bhala Dok. "SM 8" a fol. 74 tal-process ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet anke sabiex l-istess attrici tigi kkompensata ghas-sehem taghha mill-opra tal-bahar li f'din is-sentenza giet assenjata lill-konvenut;

4. Tichad din it-talba *stante* li l-**artikolu 48 *et sequitur* tal-Kodici Civili** qed jigi biss applikat kontra l-konvenut;

5. Tichad din it-talba ghaliex ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra l-istess konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------